TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**
**CCT/28/15/MS**

**Emanuel u MaryRose Piscopo**

vs

**Sms Mondial Ltd (Orange Travel Group).**

**Illum 27 ta' April, 2015**

Ra l-avviz ipprezentat mir-rikorrenti tal-5 ta' Frar 2015 fejn talbu illi r-rifuzjoni tas-somma ta' disa mitt Euro (€900.00), parti minn somma akbar imhallsa lis-socjeta' konvenuta ghall-cruise fil-Mediterran f'Awwissu tal-2014, wara li huma gew michuda jinzlu l-arti Montecarlo li kienet ghalihom id-destinazzjoni ewlenija ta' dan il-cruise.

Ra illi s-socjeta' konvenuta wiegbet illi ma kienx tort taghha illi din l-*excursion* thassret peress illi kienet ordni tal-kaptan illi waqfet it-tragitti mill-vapur ghall-art.

Ra l-atti processwali, sema x-xhieda.

Ra illi l-mertu tal-kaz huwa kwazi identiku ghal mertu fil-kawzi fl-ismijiet: Kuelyn Spiteri u Bryony-Marie Piscopo vs SMS Mondial Ltd; Francis u Joseph Cassar vs SMS Mondial; Edwin Bonello, Maria Theresa Borg Caruana vs SMS Mondial Ltd u Doris Grech u Catherine Vella vs SMS Mondial u ghalhekk jordna bl-aderzjoni tal-partijiet illi l-provi ta' din il-kawza ghandhom jaghmlu stat ghal kull fini u effetti tal-ligi fil-konfront tal-kawzi l-ohra u vice versa.

**Ikkunsidra;**

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrenti kienu hallsu ghall-cruise fil-Mediterran bejn l-24 u l-31 ta' Awwissu 2014. Dan il-*cruise* kellu jinkludi diversi postijiet ta' interess, fosthom u l-aktar importanti ghar-rikorrenti kienet il-Belt ta' Montecarlo.

Illi fis-26 ta' Awwissu 2014, il-vapur wasal fil-port u beda jnizzel il-passiggieri b'sistema ta' *shuttle* lejn l-art, permezz ta' *tender boats*. Ir-rikorrenti kienu fuq il-post tal-embarkazzjoni nofs siegha qabel il-hin indikat, pero' bdanakollu xorta ma tellghux minn tal-ewwel ghaliex qalulhom biex jersqu lura biex jitilghu l-ewwel il-Germanizi. Waqt illi kienu hekk telghin, ir-rikorrenti u l-grupp Malti, gew mgharrfa illi kellhom jistennew fil-bar, fis-sulari ta' fuq. Wara ftit minuti, qalulhom biex jinzlu. F'dak l-istadju ukoll komplu jirkbu fuq it-tender boats il-passiggieri Germanizi, li kellhom tags ta' identifikazzjoni differenti minn tal-Maltin, u meta fl-ahhar wasal it-turn tal-grupp Malti, regghu gew mgharrfa illi ma setghux jmorru l-art ghax il-kaptan kien waqqaf is-servizz ghar-ragunijiet ta' sigurta. X'kienu ezatt dawn ir-ragunijiet mhuwiew maghruf.

Illi r-rikorrenti ikkonfermaw l-avviz taghhom - u cjoe' illi kienu dizzapuntati ferm mit-trattament li rcevew min-naha tat-tour leader Jean Depasquale illi ma kien ta' ghajnuna xejn. Hassuhom li kienu gew trattati b'mod inferjuri - fi kliemhom 'second class citizens.'

Illi l-fatt jibqa' illi ir-rikorrenti u l-grupp Malti tilfu l-*excursion* ghall-Montecarlo, li kif inghad, ghalihom, kienet id-destinazzjoni principali ta' dan il-cruise. Fil-fatt kienu ghazlu dak il-cruise bil-ghan specifiku li jmorru Monaco, Nizza u Eze.

Dawn il-fatti mhumiex kontestati mis-socjeta' konvenuta. Pero qieghda tezimi ruhha mir-responsabbilta' peress illi qieghda tallega illi kien ordni tal-kaptan illi waqqaf it-tragitti u fuq dan huma ma kellhom ebda kontroll.

**Ikkunsidra;**

Illi meta s-socjeta' konvenuta rriklamat il-*cruise* bl-*excursions* partikolari, ghall-prezz partikolari, kienet qed tintrabat illi toffri dak is-servizz ghall-prezz indikat. Bil-hlas ta' dak il-prezz, ir-rikorrenti u s-socjeta' konvenuta dahlu f'obbligazzjoni kuntrattwali, fejn ir-rikorrenti kellhom dritt jippretendu illi jinghataw s-servizz kuntrattat. Dan is-servizz ma nghatax fl-intier tieghu, peress illi r-rikorrenti gew mcahhda minn excursion gia' mhallas ghall-aktar post importanti ghalihom, li kien propju il-*highlight* tal-vjagg.

Illi s-socjeta' konvenuta qieghda tallega illi kien ordni ta' kaptan illi dan ma sarx. L-ewwel nett ma saret l-ebda prova ta' dan peress illi d-dokument ezebit CM huwa fotokopja mhux awtentikata, iffirmata minn persuna mhux identifikat u li zgur ma xehedx biex jikkonferma dak li kien hemm miktub. It-tieni nett, ladarba l-hlas sar lis-socjeta' konvenuta kienet obbligu taghha illi ladarba r-rikorrenti u zewgha ma thallewx jinzlu l-art, dawna kellhom id-dritt jigu rizarciti ghall-prezz tal-*excursion* u danni morali.

Illi huwa verament pass redikolu, l-ammont ta' erbghin Euro (€40.00) ghal kull persuna, offrut mis-socjeta' konvenuta bhala kumpens u aktar u aktar dak tal-vapur, illi offrewlhom vista lejn il-*bridge* tal-kaptan, bhallikieku dawn qatt setghu jaghmlu tajjeb ghall-visita mitlufa lejn Montecarlo.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ammont mitlub, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrenti ghamlu talba verament ragionevoli meta illimitawha ghal dan l-*excursion* u mhux ghall-vjagg kollu, fejn jidher illi ghall-qpija tal-vjagg ma kellhomx ilmenti serji. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi t-talba tar-rikorrenti tisthoqq li tikun milqugha u konsegwentement jilqa' l-istess, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta li tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' disa mitt Euro (€900.00) ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors. Bl-ispejjes kontra lis-socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**